# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ **L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

ĠUNJU 1970

## *L-AKKADEMJA XI TRID*

*F'paġna oħra ta' dan l-għadd qed nippublikaw il-MEMORJAL DWAR IL-MALTI li l-Akkademja sawret fis-27 ta' April biex jixxandar u jitressaq quddiem dawk li għandhom f'idejhom it-tmexxija u t-treġija ta' pajjiżna.*

*Dan il-Memorjal jitkellem ċar fuq kif l-Akkademja taħsibha dwar il-qagħda tal-Ilsien Malti fil-ħajja tal-poplu Malti llum. Ma jeħtieġ u la tifsir u l-anqas logħob ta' kliem. F'Malta, l-Ilsien Malti — l-ilsien tal-poplu, wieħed miż-żewġ ilsna uffiċjali tal-Kostituzzjoni — ma għandu jkun imġenneb bl-ebda mod. L-identità tal-poplu hija marbuta mal-ilsien, l-istorja, id-drawwiet tiegħu. Bl-iskuża li għax aħna żgħar, neħtieġu ilsna oħra biex inżommu f'wiċċ il-kurrenti mqallba tad-dinja llum, ma nistgħux u ma għandniex narmu l-baħar dak li hu tagħna u naqbdu ma' ilsna, kulturi, drawwiet ta' ġnus oħra — jistgħu jkunu ikbar u ogħna minna, imma qatt 'aħna'. Dan l-ispirtu tal-Memorjal tal-Akkademja. Nittamaw li kull min jaqrah jara fih ir-realiżmu u l-oġġettività li bihom l-Akkademja tħares lejn il-ġrajjiet. L-Akkademja ma tistenniex li għandna nwaqqfu l-mixja 'l quddiem tal-ħajja soċjali, kulturali, ekonomika tal-poplu Malti, imma tistenna li għandu jsir ħaqq mal-poplu Malti — li l-poplu Malti għandu jagħraf iħares tajjeb dak li hu tiegħu u li jekk jitlef ma jerġa' jikseb qatt! u li jiftaħ għajnejh beraħ ħalli jara ċar x'jista' jiġri jekk inkomplu ninqdew b'ilsna oħrajn meta jmissna ninqdew bl-ilsien tagħna bla mistħija ta' xejn bejnietna! Mal-barrani nagħmlu tajjeb li ninqdew bl-ilsien tiegħu; imma bejnietna nagħmlu ħażin jekk inġennbu l-Malti li hu tagħna u li jista' jurina li aħna tassew nazzjon għaliha li qamet fuq tagħha tabilħaqq bil-Kostituzzjoni ta' Malta Indipendenti!*

*L-Akkademja tat pubbliċità lil dan il-Memorjal billi tifhem li huwa tajjeb li dan it-twemmin tagħha dwar il-Malti jitressaq quddiem l-opinjoni pubblika "bit-tama li l-fehmiet dwar il-valuri patrijottiċi tal-poplu Malti jissaħħu dejjem aktar". Nittamaw li dawk kollha li għandhom għal qalbhom dawk il-valuri pattrijottiċi jagħtu pubbliċità lil dan il-Memorjal u li kull min b'xi mod jista' jgħin biex il-fehmiet fih imfissra jitwettqu, e.g., rappreżentanti tal-poplu u partiti politiċi, jagħmel li jista' biex dawn il-fehmiet iseħħu fil-prattika ta' kuljum.*